**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Carmel Azzopardi ta' 17-il sena (Data tat-Twelid 13.9.1984) iben Andrew u Helen nee Hili li joqghod 73, Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 38784 (G)**

Illum 20 ta' Frar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-12 ta' Jannar 2002 ghall-habta tad-9:30a.m. fi Triq il-Madonna tal-Hniena, Xewkija, (1) saq karozza numru KAD 872 meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta u aktar talli saq l-imsemmija vettura meta ma kenx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni (2) aktar talli fl-istess data, hin u post saq l-istess vettura b'manjiera traskurata u perikoluza u talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' truck numru JAU 268 u kkagunalu hsarat b'detriment ghal Michael Vella minn Nadur, Ghawdex.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija timpedixxi lill-imputat milli jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq.

Semghet il-provi u l-ammissjoni u r-rinunzja tal-kwerelant;

Fuq ammissjoni ssibu hati ta' l-ewwel akkuza;

Tilliberah mit-tieni akkuza fuq nuqqas ta' provi;

Wara li rat l-artikoli 3 tal-Kap 104 u 15 (1) (a) tal-Kap 65 ai termini ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat ghadu minorenni;

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25);

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur